# V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-30 ta' Awwissu 2013 — Walter Jubin vs easyJet Airline Co. Ltd**

**(Kawża C-475/13)**

(2013/C 359/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Walter Jubin

*Konvenuta:* easyJet Airline Co. Ltd

**Domandi preliminari**

(1) Kumpens mogħti skont id-dritt nazzjonali bħala rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar addizzjonali mġarrba fid-dawl tal-annullament ta' titjira rriżervata jista' jitnaqqas mill-kumpens previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004 ([1]) meta t-trasportatur bl-ajru jkun issodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 8(1) tal-istess regolament?

(2) Jekk jitqies li tnaqqis huwa possibbli: dan ikopri wkoll l-ispejjeż ta' trasport alternattiv sad-destinazzjoni finali tat-titjira?

(3) Jekk jitqies li tnaqqis huwa possibbli: it-trasportatur bl-ajru jista' jwettaq tali tnaqqis f'kull każ jew inkella dan jiddependi mill-punt sa fejn jawtorizzah id-dritt nazzjonali jew sa fejn il-qorti tikkunsidrah xieraq?

(4) Sa fejn id-dritt nazzjonali jew l-evalwazzjoni tal-qorti huma determinanti: il-kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament huwa intiż li jikkumpensa esklużivament l-inkonvenjenza u l-ħin mitluf subiti mill-passiġġieri minħabba l-annullament, jew huwa wkoll intiż li jkopri dannu materjali?

---

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-30 ta' Awwissu 2013 — Heidemarie Retzlaff vs easyJet Airline Co. Ltd**

**(Kawża C-476/13)**

(2013/C 359/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Heidemarie Retzlaff

*Konvenuta:* easyJet Airline Co. Ltd

**Domandi preliminari**

(1) Dritt għal kumpens mogħti taħt id-dritt nazzjonali li huwa intiż sabiex jirrimborsa spejjeż tal-ivvjaġġar addizzjonali sostnuti minħabba kanċellazzjoni ta' titjira bbukkjata jista' jitnaqqas mill-kumpens mogħti taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament ([1]) jekk it-trasportatur tal-ajru jkun issodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 8(1) u 9(1) tar-Regolament?